# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DIGRIET

**Kaz/ Numru 3159 /JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn**

**Avukat Dr Ivan Sammut**
**u**

**NSFX Limited (C56519)**

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

**Illum l-Erbgha 23 ta' April 2014**

**Chairman: James Pearsall**

1. **Dahla**

   Nhar il-Erbgha 11 ta' Dicembru 2013, wara li it-Tribunal beda jisma l-ewwel sottomissjonjjiet mill partijiet involuti, Dr. Ian Spiteri Bailey li qieghed jidher ghas socjeta intimata, talab li jinghata digriet preliminari qabel ma jitkompla il-kaz.

2 **Lista ta Dokumenti:**

2.1 Nota tar-rikorrent kif prezentata minn Dr Tonio Azzopardi bid-data tat-3 ta' Dicembru 2013

2.2 Rikors tas-Socjeta intimata NSFX Ltd sottomess minn Dr.Ian Spiteri Bailey fil-10 ta' Dicembru 2013.

2.3 Risposta mir-rikorrent Dr Ivan Sammut sottomessa minnu u mis-Sur Alfred Mallia MIlanes, fis- 7 ta'Jannar 2014.

3 **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal Industrijali ha nota tar-rikors ipprezentat mis-socjeta intimata kif ukoll in-nota u r-risposta b'rikors mir-rikorrenti fejn kienet qed issir talba mis-socjeta intimata sabiex ma jizdiedux zewg xhieda ohra mal-lista ta' xhieda li kienet diga giet ipprezentata ma l-istatement of case tar-rikorrent. Dawn kienu l-avukati Michael Sciriha u Patrick J.Galea.

It-Tribunal Industrijali kkunsidra bir-reqqa dak li kellhom xi jghidu il-partijiet waqt iz-zewg seduti li saru, dik tal 11 ta'Dicembru 2013 u tal 15 ta' Jannar 2014, kif ukoll ir-rikors u noti skambjati bejn iz-zewg partijiet li jiffurmaw parti mill-atti ta'dan il-kaz.

Ghandu jigi irrijaffermat dak li kemm il-darba stqarr dan it-Tribunal, **li huwa tribunal tal-fatti u mhux tribunal tal-ligi,** huwa ghalhekk importanti li l-fatti kollha jigu a konjizzjoni tieghu biex ikun jista jaghti gudizzju shih, gust u trasparenti. Izda f'dan l-istadju ma jhossx li ghandu jaghti decizjoni dwar is-smiegh taz-zewg xhieda indikati. Fi stadju aktar tard ta' dan is-smiegh, partikolarment wara il-kontro ezami tas-socjeta intimata, jekk ir-rikorrent ikompli jinsisti fit-talba tieghu allura dak ikun il-mument idoneu biex it-Tribunal jaghti d-decizjoni tieghu dwar dan il-punt.

Sadanittant is-smiegh tal-kaz ghandu jkompli

James Pearsall
Chairman